L-Orizzont

LORNA VASSALLO

Data tal-Publikazzjoni : 21 ta' Mejju, 2004

**Bejn vapuri u dghajjes**

Il-votanti Maltin se jkunu mistoqsija dalwaqt biex jghmlu vot iehor tal-kuxjenza u jesprimu l-preferenzi politici taghhom, ovvjament, dejjem ibbazata fuq l-esperjenzi, sbieh jew koroh tat-tmexxija tal-pajjiz u l-esperanti ghal dan. Il-medja qed tkun karatterizzata minn twieqi tal-hajja t' kuljum li jistghu jitfghu ftit dawl ta' kif veament qed jahsibha l-poplu. U l-partiti qeghdin jisieltu kollha kemm huma biex jippruvaw, kif jghidu l-Francizi, jidhru quddiemhom bl-isbah hwejjeg tal-Hadd, u jinfluwenzaw il-fehma tghhom halli jwassluhom biex jivvutawlhom fit-12 ta' Gunju li jmiss.

Ovvjament mhux il-partiti kollha qed itellqu fuq l-istess livell. Min beda ftit qabel l-iehor u minghandek xorti tinduna li qieghed hemm. Il-Partit Nazzjonalista, li huwa l-partit fil-Gvern, jidher li ghadu qed ihaddem l-istess politika fejn jidhol ix-xandir. Fuq il-PBS parti mill-politika ta' l-istazzjon hija li qatt ma tghid kontrih jew ixxandar xi hadd qed jikkontesta l-Gvern. L-unici ahbarijiet li jkunu, f'dan is-sens, kritici lejn il-Gvern huma l-istqarrijiet ta' l-Oppozizzjoni. U xejn iktar.

L-Oppozizzjoni wkoll ghandha postha fil-medja Maltija. Post li trid tiggieled ghalih sal-mewt.

Umbaghad hemm l-Alternattiva Demokratika li f'din l-elezzjoni tidher li qed taghmel aktar hoss – li qed tinvesti aktar flus u li minn x'imkien jew iehor qed issib min jiffinanzjalha l-kampanja taghha. Huwa partit politiku zghir, imzeblah minn kulhadd u minn kullimkien, li qed jiggieled biex jirbah dawk il-ftit minuti fuq ix-xandir li ssotu, fil-kaz tal-partiti l-kbar, ikunu allokat ghal kandidat wiehed. Bhala sistema elettorali l-Alternattiva qed tkun ambizzjuza, izda jista' jkun li billi din hija elezzjoni differenti fi zmien fejn qed johrog it-tinwir ta' gvern inkapaci – l-Alternattiva jirnexxilha zzid il-voti.

Li hija nteressanti wkoll pero' hija l-ezistenza tal-kandidati ndipendenti u r-raba' partit li iktar qed jithalla jidher fuq l-istazzjonijiet politici milli fuq l-istazzjon ta' l-Istat. Dawn qed jidhru hafna fuq stazzjon partikulari privat izda ftit li xejn qed jidhru iktar. Bi Gvern li dejjem jiftahar kemm hu demokratiku u kemm hu kristjanament gust inqabblu mal-Gvern Laburista tat-Tmeninijiet li kien ihalli anke kandidat indipendenti jaghmel spot politiku individwalment daqs kemm kien jaghmel partit politiku. Il-Gvern prezenti, l-ewwelnett bl-iskuza tal-flus, qed jeskludi totalment kandidati indipendenti u partiti zghar. Hija xi haga li qed tibqa' ghaddejja daqs li kieku ma kenitx hemm izda turi fic-car li ma Gvern Nazjonalista mhux kulhadd huwa l-istess. U billi x-xandir huwa arma importanti socjali u politika u minnha in-niisha qieghda hemm bix tidher u fil-fatt tidher meta narawha, irridu nkunu konxji ta' x'qeghdin fil-fatt naraw!

Meta fix-xandir naraw partit jinghata importanza iktar mill-iehor, bniedem jidher iktar mill-iehor, wiehed jitpogga f'dawl tajjeb u iehor f'hazin, wiehed jigi mfahhar u mgholli minkejja l-izbalji kbar u kontinwi tieghu, l-iehor jigi mzeblah – ma nkunux hlief qed naraw kif l-awtoritajiet qed jitrattaw lill-istess cittadin komuni! Jigifiieri lil kull min qed jaqra dawn il-pagni lilek u lili.

Iktar ma jghaddi z-zmien ix-xandir qed isir mezz kif ir-realta' tinghalaq go kaxxa b'wisgha ta' 28 pulzier u kif il-mohh tac-cittadin jinghalaq f'din id-dinja ta' 28 pulzier offruta lilu. Persuni li jitqieghd fuq li 'screen' ta' dan il-28 puzlier biex tarahom sewwa u mill-qrib ic-cittadin qed jigi mgieghel jahsibhom bravi u jafda fihom fil-waqt li qed issir dejjem iktar difficli li c-cittadin jara l-verita' kollha l-ucuh kollha. Ftit jghaddilu minn mohhu c-cittadin li l-maghzulin li qed jara gal-kaxxa tad-dar m'humiex l-iktar nies ta' rieda tajba. Ftit jinduna c-cittadin b'dak li mhux qed jara billi jigi mhedded b'dak li qed jara.

L-istrategija mhaddma f'dan is-sens tibbaza fuq il-fatt li c-cittadin jara sa mniehru u forsi ftit iktar il boghod. U donnu li c-cittadin, iktar ma jghaddi z-zmien, iktar qieghed jinbela' minn dinit-tip ta' barumbara li ccekkinlu d-dinja tieghu – ghal 28 pulzier jew xi radju tal-karozza ferm icken – il-mod kif jisma' vucijiet ohra li ma jaqblux ma' dak li qed jimponulu fuqu l-awtoritajiet qed issir dejjem iktar difficli.

U f'dan il-punt nistaqsi: din hi d-demokrazija mhaddna f'pajjizna? Id-demokrazija vera titlob li kwalunkwe cittadin ghandu jikkompeti fuq l-istess livell – f'danil-kaz f'kuntest ta' elezzjoni. X'inhuma jaghmlu l-awtoritajiet, specjalment, l-Awtorita' tax-Xandir, li ghandha d-diversi regoli taghha mitkuba – biex ikunu ekwi?

U jekk f'kazijiet ovvji ta' eskluzjoni totali bhal dawn ic-cittadin ma jindunax jew jaccetta li jkun hemm diskriminazzjoni – kif se jinduna meta d-diskriminazzjoni tkun parzjali jew ghax titwassal parti mill-verita' jew ghax il-verita' titwassal biss meta jkun konvenjent ghal meta jaqbel lill-Gvern?

Bejn vapuri u dghajjes – il-qoxriet iz-zghar qed jithallew wisq jixxejru mar-rih f'nofs il-Parit il-Kbir. U int kif tahseb li qed jittrattawk il-Gvern u l-awtoritajiet namrati tieghu – bhala vapur jew dghajsa?